Kitba ta' Rosario Mizzi
B.Sc. (Hons.) Comm. Ther.



# Għeluq il-250 Sena mit-Tlestija tal-Bini tal-Knisja Parrokkjali

Skond data li tidher imnaqqxa fuq it-tieqa prinċipali tal-faċċata tal-knisja (minn ġewwa), il-knisja parrokkjali tagħna din is-sena tagħlaq 250 sena mibnija. Din id-data turi 1756 u hija l-marka li għamlu missirijietna biex juru li lestew il-bini tal-knisja parrokkjali.

Dan huwa avveniment li m'għandniex inħalluh għaddej. Meta thares lejn irħula u bliet oħra Maltin; tammirahom, għax kif ikollhom l-inqas tifkira jew anniversarju tarahom jagħmlu festi kbar biex ifakkruh. Aħna m'għandniex inkunu kburin b'anniversarju tant kbir?! M'għaneniex inkunu kburin b'dak li għamlu missirijietna? Dan għamluh b'qima lejn Alla (għax kull knisja hija d-dar u tempju lis-Santissima Trinità), b'qima lejn Marija Santissima mtella' s-sema (li hija t-titular ta' dan it-tempju) u b'devozzjoni lejn San Ġużepp u l-qaddisin l-oħra li għandhom xi artal iddedikat lilhom fil-knisja.

Kif tista' ma tkunx kburi bl-arkitettura u l-iskultura li din il-knisja hija mżejna biha? Il-pjanta tal-knisja hija bbażata fuq Salib Latin. Minn barra u minn ġewwa, il-knisja hija xempju ta' l-istil Barokk. Il-faċċata hija mibnija fuq il-mudell tal-knisja arċipretali taż-Żejtun, fejn il-Perit Sebastiano Saliba (1707-1781)[1], ha l-parti ċentrali tagħha u applikaha għall-knisja tagħna. Il-faċċata hija maqsuma f'żewġ ordnijiet u l-istil barokk jispikka fid-dekorazzjoni madwar il-bieb, it-tieqa u l-fondispizju (li huwa tipiku tal-knejjes barokki).



*Dettall ta' l-iskultura fil-kappellun ta' l-Agunija*

Fuq ġewwa, il-knisja timxi fuq stil Korinthin. Pilastri kwadri u għoljin iserħu fuq bażijiet mdaqsin u inkurunati b'kapitell tipiku Korintin. Fuqhom iserraħ l-Arkittrav li jdur dawra mejd mal-knisja kollha. Bejn il-pilastri nsibu sitt arkati fil-korsija u tnejn f'kull kappellun. S'hawn l-arkitettura tfakkrek ħafna fl-istil klassiku taż-żmien il-Griegi u r-Rumani. L-istil Barokk fil-fatt huwa stil li jdawwar l-istil klassiku f'wieħed iktar teatrali u movimentat. Dan jispikka fl-iskultura li żżejjen l-artali kollha tal-knisja. Kull arkata qisha tieqa li tinfetaħ fuq il-glorja tal-ġenna. Kull kwadru ta' l-artali huwa mdawwar bi gwarniċ skulturat u inkurunat bi glorja ta'anġli madwar raġġiera.

L-isbaħ effett Barokk żgur li jispikka fiż-żewġ kappelluni; ta' l-Agunija u tar-Rużarju li tagħhom qed naraw ir-ritratti.

F'dawn iż-żewġ kappelluni, l-iskultura ma tinqafilx fl-arkata, imma toħroġ u timla l-kappellun kollu. Saħansitra l-arkitrav jintesa u l-iskultura tibqa' titla' 'l fuq sa l-arzella tas-saqaf. Din l-iskultura barokka ftit issib bħala u daqshekk imponenti fil-knejjes Maltin. Ix-xjuħ tar-raħal jirrakkuntaw li l-isbaħ skultura kienet madwar l-artal tal-kor. Jgħidu li din l-iskultura kienet timla l-kor kollu bħall-kappelluni u kienet tirrappreżenta l-ġudizzju universali. Isfel kien hemm l-erwieħ qegħdin jiġu mgħejuna mill-anġli. L-arzella kienet mimlija b'raġġiera kbira kif naraw fil-kappelluni u f'nofsha kien hemm l-Ispirtu s-Santu. Ftit 'l isfel kien hemm Alla l-Missier u Alla l-Iben fuq is-sħab u mdawrin bl-anġli. Sfortunatament dan kollu nistgħu biss nimmaġinawh għax għadna ma ltqajniex ma' ritratti jew dokumenti oħra (barra rakkonti) li juruna eżatt kif kienet. Żgur hu, li din l-iskultura tqaċtet fil-bidu tas-seklu għoxrin, wara moviment li laqat kważi l-knejjes barokki kollha ta' pajjiżna. F'dak iż-żmien kien hawn moviment li ried ineħħi l-element barokk (ikkunsidrat goff) mill-knejjes. B'xorti tajba, aħna tlifna biss l-iskultura tal-kor. Ħafna mill-knejjes, fosthom ta' Ħaż-Żabbar u Ħal Qormi (San

Ġorġ), ġew mqaxxra kompletament mill-iskultura barokka.[2] Din l-iskultura kollha aktarx ġiet iddiżinjata minn Francesco Zahra jew minn ħuh Felice Zahra li kien ħa s-sena ta' missieru Pietro Paolo Zahra li kien skultur magħruf. Dokumenti biex nippruvaw dan m'għandniex u tajjeb inħeġġu aktar studji f'dan ir-rigward.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, ma nistgħux ma nsemmux il-koppla u l-kampnari. Aktarx li l-koppla tlestiet daqsxejn wara d-data ta' l-1756. Fil-fatt, skond żjara ta' l-Isqof Rull li għamel fl-1759, sab li l-korsija prinċipali kienet imsaqqfa, imma l-koppla kienet biss mibdija.[3] Żgur li ż-żewġ kampnari kien għadhom mhux lesti. Il-kampnar tan-naħa ta' l-Agunija kien lest fis-sena 1762, waqt li l-ieħor kien lest kważi mitt sena warajh, fis-sena 1852. Il-koppla tagħna hija waħda mill-akbar koppli f'pajjiżna, speċjalment meta tikkonsidra ż-żmien li nbniet fih – kuruna imponenti fuq dan it-tempju. Il-kampnari jkomplu jsostnu l-istil barokk, speċjalment mit-tieni ċinta 'l fuq. Il-linji dritti ta' l-ewwel żewġ ordnijiet jintesew u jagħmlu spazju għall-arkati tat-twieqi tal-qniepen u tal-faċċati ta' l-arloġġi.

Meta kien lest, fis-sena 1756, dan it-tempju kien twil 158 pied mill-bieb il-kbir sa tarf il-kor. Il-wisgħa mill-artal ta' l-Agunija sa l-artal tar-Rużarju (tul iż-żewġ kappelluni) huwa ta' 103 piedi, waqt li l-korsija prinċipali hija wiesgħa 27 pied. Dan ifisser li l-knisja tagħna, meta tlestiet, kienet l-ħames l-akbar knisja f'Malta; wara l-Kon-Katidral ta' San Ġwann (187 pied), il-Katidral a' l-Imdina (170 pied), Sant'Elena Birkirkara (177 pied) u San Filep Ħaż-Żebbuġ (165 pied).[4]

Din hija xi ħaġa kbira ħafna meta tikkonsidra ċ-ċokon tal-popolazzjoni ta' Ħal Għaxaq fis-seklu tmintax u tqabbilha mal-popolazzjoni tal-bliet. Nistgħu biss nimmaġinaw is-sagrifiċċji li għamlu missirijietna fi żmien meta l-għajnuna ta' l-għodda kienet limitata. Id-dmir tagħna hu li ma nagħmlux għajb lil ta' qabilna. Nistgħu nħallu dan l-anniversarju għaddej bħal ħafna oħrajn qablu. Nistgħu wkoll ninqdew bih biex nizzikaw u ngħajru lil xulxin. Jew inkella nistgħu niċċelebrawh flimkien bħala familja parrokkjali ta' Għaxqin kburin bit-tempju tagħhom. B'dan il-mod inkun qegħdin inkattru l-qima tagħna lejn Alla, il-Madonna u San Ġużepp (li l-knisja hija d-dar tagħhom fuq l-art). Fl-istess ħin inkunu qegħdin nuru apprezzament lejn missirijietna, waqt li nwegħduhom li nkomplu nieħdu ħsieb it-tempju li huma bnew.

**Ejja nkunu kburin li aħna għaxqin u bit-teżori li għandna.**

[1] Mahoney L., 5000 Years of Architecture in Malta, Valletta 1996.
[2] Ibid.
Bonavia C.G., *Dr. Nicola Zammit's first contacts in Żabbar*. The Sunday Times, Sep. 12, 1999 p.38-39.
[3] Farrugia C., Il-Knisja ta' Hal Ghaxaq 200 Sena Kkonsagrata. Malta 1984.
[4] Ibid.



*Dettall ta' l-iskultura fil-kappellun tar-Rużarju*



*Ritratt juri eżempju ta' waħda mid-dekorazzjonijiet barokki madwar l-artali tal-ġnub. F'dan ir-ritratt qed naraw id-dekorazzjoni madwar il-kwadru tal-Patrun tagħna San Ġużepp.*